# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ġimgħa 2 t'April, 2004 fid-9.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Sotto Kumitati.
(4) Draft Programme - Jum l-Isla.
(5) Moll tax-Xatt.
(6) LES - Gwardjani Lokali.
(7) Approvazzjoni "Newsletter".
(8) Proġett Gateway - Taħriġ għal Mexxejja taż-Żgħażagħ.
(9) Website tal-Kunsill.
(10) Assi tal-Kunsill.
(11) Rapport Finanzjarju, Jannar - Marzu'04
(12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti u Performance Bonus.

## 33 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija billi dawn ġew ippreżentati lill-Kunsilliera minn qabel.

33(1).1 Il-Kunsillier Charmaine Gerada ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-aħħar laqgħa (Numru 32) hija kienet skużata u mhux assenti. Din il-korrezzjoni ġiet aċċettata (Paġna 1).

33(1).2 Il-Kunsill approva addenda f'paġna 5 hekk kif imressqa mis-Sindku Joseph Casha wara minuta 32(2)17 kif ġej :

32(2)18 *Konsulenza għall-Fondi mill-EU*

"Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-kuntatti u l-laqgħat li kellu mal-Kumoanija Across Limits dwar l-offerta tagħhom biex joffru konsulenza bil-ħlas dwar fondi mill-EU għal proġetti imtella' mill-Kunsill".

33(1).3 Il-Kunsillier Mario Mizzi ssekonddat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona biex il-Minuti hekk kif korretti u emendati aktar 'il fuq jiġu approvati.

Dawn ġew approvati nem. con.

## 33 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa (Numru 32) tal-Kunsill.

*33.(2).1 Sede Drenaġġ / Moll tax-Xatt (01 /03/04)*

Is-Sindku għamel kuntatti mal-Periti Edrick Micallef u Robert Zerafa biex isir magħruf meta x-xogħol fuq dawn il-ħsarat ser jibda.

Dawn wieġbu li kellhom jikkonfermaw mad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Fuq talba tal-Kunsill saret spezzjoni fuq il-moll mis-Sur John Caruana (Maritime Projects) skond il-pjanti li kellu jidher ċar li dan il-moll jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Cottoner Waterfront Group jew il-Gvern Ċentrali.

*33.(2).2 Kwestjonarju - Public Private Partnership ( 01 / 03 / 04 )*

Dan il-kwestjonarju ġie mwieġeb billi s-Sur Chris Paris għamel intervista mas-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill stess.

*33.(2).3 Dar Sant'Anna - Isla ( 02 / 03 / 04 )*

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-Sur Godfrey Cutajar, Home Manager dwar diversi talbiet li xtaq li jgħin fihom il-Kunsill. Qabel xejn għandhom isiru t-talbiet bil-miktub lill-Kunsill qabel jiġu approvati xi talbiet.

*33.(2).4 Xogħol pendenti ( 03 / 03 / 04)*

Saret laqgħa mal-Perit awrence Mintoff (Contract Manager tal-Kunsill) dwar qtugħ tal-blat biex f' Dawret ix-Xatt titqiegħed il-capston, Triq San Mikiel (Re Garage) u t-tqegħid ta' rixtellu għall-ftuħ tal-Librerija Lokali f'Misraħ 4 ta' Settembru sabiex isiru l-permessi mill-MEPA..

*33(2).5 Laqgħa ma' l-Accountant tal-Kunsill ( 03/03/04)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Accountant tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill kif prevista li tagħlaq f'Marzu'04. Ġie diskuss u tħejjew il-proposti għall-budget tal-Kunsill għas-sena 2004/2005.

*33.(2).6 Kontijiet Kontestati - Dawl (04 /03/04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici Dwar kontijiet esaġerati lill-Kunsill mill-Enemalta. Ġew ippreżentati l-kontijiet u l-korrispondenza relevanti. Is-Segretarju Parlamentari wiegħed li kellha ssir laqgħa bejn il-partijiet ikkonċernati aktar tard.

*33.(2).7 Moll tax-Xatt ( 04 / 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatti ma' Dr Albert Caruana. Minħabba l-ispejjeż involuti (biex jissewew il-ħsarat) li l-Kunsill ma' jiflaħx għalihom. Dr. Caruana wiegħed lis-Sindku ku ser iressaq dan il-każ ta' tiswija f'Inetr Ministerial Cabinet.

*33.(2).8 Preżentazzjoni ta' kotba (05/03/04)*

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u attenda għal preżentazzjoni ta' kotba mill-Bank HSBC lill-iskola Primarja Dom Mauro Inguanez, Isla.

*33(2).9 Seminar Fondazzjoni Ġużè' Ellul Mercer (06/03/04)*

Għal dan is-Seminar "Ir-Rwol tal-Kunsilli Lokali" fl-irranġar tal-Wirt Storiku u Kulturali" imtella' fil-Lukanda Coastline mill-Fondazzjoni Ġużè' Ellul Mercer. Aktar tard għandu jsir rapport ta' dak diskuss.

*33.(2).10 MEPA ( 10 / 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mal-Perit Lawrence Mintoff kellhom laqgħa dwar it-talba tal-Kunsill biex isir kanċell tal-ħadid fuq barra fl-Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru. Il-Mepa qed issib diffikulta għall-faċċati ta' l-ASLuminium li kienet eżistenti diġa qabel il-fond għadda f'idejn il-Kunsill.

*33.(2).11 Ġemellaġġ - Sindki tal-Kottonera ( 11 / 03 /04 )*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal din il-laqgħa msejjħa mis-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici dwar talba mill-Ambaxxatur Ingliż biex isir Ġemellaġġ ma' bliet f'Dover. Jekk dan iseħħ jista' jkun hemm għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni Għolja Ngliża.

*33.(2).12 Jum l-Isla ( 12/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv għamlu laqgħa mar-rappreżentanti tal-Banda Queen's Own, l-Arċipriet u l-Kunsill Skolastiku fejn ġie propost li jsir programm wieħed kollettiv. F'laqgħa li jmiss kellhom jagħtu l-proposti tagħhom biex joħroġ programm komuni flimkien.

*33.(2).13 Żjara f'Cassino ( 13 - 15/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna tal-Comune ta' Cassino għall-Kommemorazzjoni ta' l-egħlkuq tas-60 sena mill-qerda tal-belt ta' Cassino fl-aħħar Gwerra Dinjija. Kienu mistiedna wkoll bliet oħra li għandhom ġemellaġġ mal-belt ta' Cassino.

*33.(2).14 Spejjeż dejjem għola tal-Gwardjani Lokali ( 17/ 03 / 04)*

F'din il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt is-Sindku saħaq li dan il-Kunsill qed isiba diffiċli biex ikompli jħallas l-ispejjeż involuti għat-tħaddim ta' din is-sistema minħabba li l-ħlas dovut lill-Kunsill mhux qed isir. Dan qed jaffetwa il-cash flow f'din is-sistema.

*33.(2).15 Data Protection Seminar ( 18/ 03 / 04)*

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal dan is-seminar imtella' mill-Kummissjoni għad-Data Protection fil-Lukanda Coastline. Ġiet imfissra l-liġi dwar id-data protection mill-Kunsilli.

*33.(2).16 Misraħ Juan B. Azopardo ( 18 / 03 / 04)*

Fil-laqgħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera is-Sindku reġa saħaq fuq il-ħlas li dan il-Kunsill għandu jieħu dwar xogħol li kien twettaq fil-Proġett J. B. Azopardo.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera sabet kuntrattur biex ineħħl l-asbestos li hemm fil-kamra fuq is-Sur ta' San Mikiel. Hemm il-possibilita li d-daħla ta' l-Isla tkun imdawwla kompletament.

*33.(2).17 Seminar "Ir-Rwol tal-Kunsill fil-Librerija Pubbliċi" ( 20/ 03 / 04)*

Fuq stedina tas-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici s-Sindku Joseph Casha bagħat lis-Sinjura Graziella Cassar Gellel il-librara tal-Kunsill minħabba li ma' setgħax jattendi. Is-Sindku Joseph Casha għandu rapport ta' dak li ġie diskuss.

*33.(2).18 Jum l-Isla ( 24 / 03 / 04)*

Saret laqgħa mal-Kap ta' l-Iskola fejn ġie ppreparat draft programme ta' dak li xtaqu jagħmlu. In-naħa tal-Banda Queen's Own għaddew tagħrif lis-Sindku kemm jista' jiswa jekk itellgħu programm mużikali ta' madwar sagħtejn.

*33.(2).19 Skola Erin Serracino Inglott ( 24/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta kotba lil studenti mill-Isla f'din l-Iskola, fl-okkażjoni ta' Jum il-premjazzjoni. Ittella' programm tajjeb ħafna.

*33.(2).20 Skola Dom Mauro Inguanez ( 25 / 03 / 04)*

F'jum il-premjazzjoni is-Sindku Joseph Casha ppreżenta kotba lil studenti li għaddew mill-eżami tal-Junior Lyceum kif ukoll għall-aħjar tifel jew tifla b'sens ċiviku. Is-Sindku kien sorpriż bil-progress li qed isi f'din l-iskola.

*33.(2).21 Seminar "Il-Wirt Kulturali Hu ta' Kullħadd" ( 27/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden għal dan is-seminar imtella mis-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici fejn il-Kunsilli mistiedna stħarrġu din it-tema bil-għan li jsir magħruf x'inhu s-sehem tal-Kunsill rispettivi tal-Kultura ta' pajjiżna (Noti ta' dak diskuss mehumuża).

*33.(2).22 Laqgħa mar-Rappreżentant ta' l-Aġenzija Appoġġ ( 01 / 04 / 04)*

Saret laqgħa mas-Sinjorina Catherine Fleri Soler u s-Sinjorina Esmeralda Micallef dwar il-ħidma tagħhom fl-Appoġġ f'dak li jirrigwarda Akkomodazzjoni Soċjali u disabbli fil-lokal. Aktar tard is-Sinjorina Esmeralda Micallef għandha tinforma lill-Kunsill dwar l-eżitu tas-survey li kien sar biex il-Kunsill ikun jista' jilqa' u jattrezza l-lokal għad-diżabilita' fil-lokal.

*33.(2).23 Jum l-Ewropa ( 25/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill bil-laqgħa li saret għas-Sindki tal-Kottonera, tal-Floriana u l-Belt Valletta fejn ġew infurmati bl-attivitajiet li hemm il-ħsieb jtellu nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewopeja. Kif ukoll dwar il-festival tal-logħob tan-Nar fuq il-baħar fil-Port il-Kbir nhar it-8 u d-9 ta' Mejju, 2004. Ġew indikati l-postijiet li ser jintużaw fosthom Ġnien il-Gardjola u l-Ponta fl-Isla.

Il-Kunsill qabel li minħabba dawn l-avvenimenti ma' jinħarġux permessi għal attivitajiet fi Ġnien il-Gardjola u fil-Ponta ħlief dawk li ġew approvati għall-attivita' li ser titella mis-Senglea Athletics F. C.

Matul din il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha kien sorpriż għall-fatt kif ġew ippjanati ċertu affarijiet fejn Ġnien il-Gardjola u l-ground tal-Ponta kien ippjanat li jiġu mikrija lil terzi persuni mingħajr ma' l-Kunsill kien involut. Dawn il-postijiet huma devoluti lill-Kunsill.

Wara ħafna kommunikazzjoni min-naħa tas-Sindku, l-Kunsill irċieva kopja tal-permess li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ħareġ għall-kiri ta' Ġnien il-Gardjola għall-ħlas ta' Lm 250.

Il-Kunsill għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu u saħaq li tingħata spjegazzjoni ta' kif ġraw l-affarijiet fejn propjeta devoluta lill-Kunsill ġiet mikrija lil terzi persuni mingħajr ma' l-Kunsill kien involut. Aktar tard il-Kunsill irċieva statement dwar dak li sar fejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet fisser li dan kien żball ġenwin.

Il-Kunsill baqa' jinsisti li kien lest li jaċċetta li jsiru private functions għan-nies tal-lokal minkejja li dawn l-attivitajiet li hemm proposti mill-consortium.

*33.(2).24 Seminar "Il-Wirt Kulturali Hu ta' Kullħadd ( 27/ 03 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden mis-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici għal dan is-Seminar fejn it-tema prinċipali kienet fuq l-importanza tas-sehem tal-Kunsilli Lokali fil-ħidma għaż-żamma tal-Wirt Kulturali. Punti li ssemmew kienu : twaqqif ta' mużew żgħir f'kull lokal, parteċipazzjoni fi proġetti u ż-żamma tax-xelterx ta' żmien il-Gwerra.

Min-naħa tiegħu s-Sindku tkellem dwar, klieb maqfula fix-xelters, l-istat ħażin li tinsab fih il-Maċina u l-bejt ta' fuqha li kellhu jiġl żviluppat mill-consortium kif ukoll dwar il-ħidma li qed issir mill-Kunsill biex jingħata St. Michael's Press bil-għan li jiġl żviluppat fi proġett turistiku.

*33.(2).25* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-25 ta' Frar u t-30 ta' Marzu 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0538/04/I Kuntratti ma' Environmental Landscaping Consortium*

Il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent staqsa jekk il-Kunsill għandhux kuntratt ma' l-Environmental Landscaping Consortium. Il-Kunsill wieġeb fin-negattiv.

*04/0540/04/I Senglea Athletics F. C.*

Il-Kunsill approva talba mis-Senglea Athletics F. C. biex jagħmlu użu minn Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004.

*04/0543/04/I* *Talba mis-Sur Mark Caruana*
*04/0544/04/I*

Il-Kunsill approva waħda miż-żewġ talbiet tas-Sur Mark Caruana biex jagħmel Bar-B-Q fi Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004.

*04/0550/04/I* *Awtorita dwar it-Trasport - Tagħrif*

Tagħrif mitlub mill-Awtorita' Dwar it-Trasport dwar attivitajiet jew festi fil-lokal. Dan it-tagħrif ser jintbagħat aktar tard.

*04/0592/04/I* *Proġett Delta*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jittella' seminar taħt il-Proġett Delta f'Malta minn esperti Franċiżi u Iżraeljani bejn il-15 u l-20 ta' Mejju, 2004.

*04/0601/04/I* *Talba għal għajnuna minn Dar Sant'Anna*

Is-Sur Godfrey Cutajar Home Manager ta' Dar Sant'Anna talab għajnuna għall-bżonnijiet li jixtieq li jsiru f'din id-dar.

*04/0613/04/I* *Għaqda tan-Nar 10 t'Awissu - Birgu*

Għaqda tan-Nar 10 t'Awissu tal-Birgu talbu lill-Kunsill biex jinħaraq in-nar minn fuq il-bejt tal-Maċina. Il-Kunsill qabel li jingħata dan il-permess għal din id-darba biss biex inkun mexa l-istess mat-talbiet ta' qabel.

*04/0617/04/I* *Ombudsman Każ Numru D0492*

L-Ombudsman informa lil resident fl-Isla Każ Numru D 0492 ta' Triq San Mikiel bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

*04/0626/04/I* *Dipartiment ta' l-Edukazzjoni*

Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar programmi li qed jiġu organiżżati fil-Kunsilli Lokali dwar English Literacy Programme. Dan il-Kunsill lest li jilqgħu dan il-programm fi ħdanu.

*04/0627/04/I* *Brigata Laburista - Stedina*

Il-Kunsill kien mistieden biex jara ċena ħajja fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira u li ġiet imtella mill-Brigata Laburista (8 t'April, 2004).

*04/0637/04/I* *Ministeru ta' l-Informatika u t-Teknoloġija*

Il-Ministeru ta' l-Informatika u t-Teknoloġija qed jinsisti li l-Kunsilli jieħdu r-risponsabbilta' għad-dawl fuq il-poles u jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li jistgħu jinqalgħu.

*04/0639/04/I* *Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-preparamenti li jridu jsiru biex jingħalqu l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2003 / 2004. (Memo 07/2004).

*04/0706/04/I* *Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali il-preżentazzjonijiet li saru fis-Seminar imtella' mill-istess Dipartiment dwar id-Data Protection Act.

*04/0708/04/I* *Talba għall-użu tas-Sala tal-Kunsill*

Hemm talba biex il-Familja Formosa tagħmel party għat-tifel tagħhom f'egħluq sninu nhar il-Ħadd 23 ta' Mejju, 2004 fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-talba.

*04/0709/04/I* *Senglea Athletics F. C.*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletics F. C. biex ikunu jistgħu jużaw Ġnien il-Gardjola għal attivita' li ser itellgħu fit-30 t'April.

## 33 (3) Sotto Kumitati ( Tibdil )

Is-Sindku Joseph Casha ħabbar ix-xoljiment tas-Sotto Kumitati u minflok ħatar Kumitati. B'hekk ix-xogħol tal-Kunsill ikun jista' jsir aħjar u jkun aktar efettiv.

*33(3).1* Il-Formazzjoni u l-ħatriet rispettivi ta' dawn il-Kumitati tal-Kunsill huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 33 (4) Programm Jum l-Isla

Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti biex itella' programm ta' attivitajiet f'Jum l-Isla bil-għan li jkun hemm programm komuni bejn is-Soċjetajiet tal-lokal.

*33.(4).1* Ġie ppreżentat il-programm imħejji mill-Kunsill Skolastiku u li ser jittellgħa nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju, 2004 lejliet Jum l-Isla. Is-Sindku qal li l-Kumitat

Festi Esterni għadu ma infurmax lil Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tagħhom minkejja l-komunikazzjoni li saret bejn is-Sindku u l-Arċipriet.

*33.(4).2* Ġew proposti li f'Jum l-Isla tinfetaħ uffiċjalment il-Librerija Pubblika f'Misraħ 4 ta' Settembru u ssir Lejla Maltija.

*33.(4).3* Sar qbil li tinħatar kummissjoni magħmula mis-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Charmaine Gerada u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Alphonse Zammit biex Iħejju programm dettaljat għall-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

*33.(4).4* Sehem tal-Banda Queen's Own Lm 200.

## 33 (5) Moll Tax-Xatt

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta rapport dwar il-kuntatti u diskussjonijiet li saru sat-18 ta' Frar, 2004 biex il-ħsarat li hemm jiġu ndirizzati mill-aktar fis, minħabba li dan ix-Xatt jintuża sewwa issa li resqin ix-xhur tas-Sajf.

*33.(5).1* Kopja tar-Rapport mehmuża.

*33.(5).2* Sar qbil li tinkiteb ittra lill-Prim Ministru ikkupjata lill-Ministru Jesmond Mugliett dwar is-sitwazzjoni prekarja li jinsab fiha dan il-Moll wara l-ħsarat li ġarrab f'Diċembru li għadda u l-problemi li dawn il-ħsarat qed joħolqu lir-residenti ta' l-Isla.

*Nota :* *Il-Kunsillier Mario Mizzi ħareġ mil-laqgħa tal-Kunsill fin-12.30pm.*

Minħabba li l-Kunsill kien ser jaġġorna fi ftit ħin ieħor is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti ta' proċedura biex jiġl diskuss item 11 ta' l-Aġenda qabel tiġi aġġornata l-laqgħa tal-Kunsill. Dan resaq hawn minħabba l-importanza ta' din l-item u kemm għaliex fuq stedina tal-Kunsill kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill biex jindirizza lill-Kunsill fuq dan l-item.

## 33 (11) Rapport Finanzjarju, Jannar - Marzu'04

L-Accountant fissret is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u ta' previżjoni ta' kif tista tagħlaq is-sena finanzjarja 2003/2004 tal-Kunsil.

*33.(11).1* Huwa previst li s-sena finanzjarja April 2003 / Marzu 2004 tagħlaq b'bilanċ pożittiv ta' 'l fuq minn Lm 4, 000 li jammontaw għal madwar 5%.

*33.(11).2* Saru mistoqsijiet mill-Kunsillieri preżenti fejn ġew imwieġba u anke saru tifsiriet tal-figuri proġettati.

*33.(11).3* Saru proposti u draft budget ta' kif għandha tiġi wżati l-allokazzjoni annwali tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2004 / 2005.

*33.(11).4* Sar qbil li hekk kif il-Kunsill jirċievi r-rendikont mill-Bank għal Marzu 2004 isir Rapport finali tal-finanzi tal-Kunsill (2003/2004) u wkoll jiġi finalizzat il-Budget għas-sena 2004/2005.

*33.(11).5* Wara li dan ir-rapport ikun approvat mill-Kumitat tal-Finanzi, dan jitressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni uffiċjali u finali.

*Fis-1.30pm il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal nhar it-Tnejn 5 t'April, 2004 fid-9.30am. Sar qbil li rappreżentant tal-consortium Welcome Europe jiġi mistieden għal diskussjoni qabel tibda l-laqgħa.*

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar it-Tnejn 5 t'April, 2004 fid-9.30am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

*Welcome Europe*

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti imressqa mill-Consortium Welcome Europe ftit qabel fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li dan il-consortium ser juża l-football ground bejn it-3o t'April u l-1 ta' Mejju, 2004 biex itella' programm bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Dan il-consortium talab ukoll biex fit-triq ta' madwar il-ground ma' jkunx hemm hawkers, ħlief dawk approvati minnhom. Il-Kunsill setgħa joffri postijiet għall-hawkes oħra barra din l-area (jiġifieri mit-Tina l-barra u minn ħdejn in-niċċa tar-redentur il-ġewwa).

Ta' dan, il-consortium lest li joffri li jtellgħa programm mill-Winter Moods jew li jagħti donazzjoni ta' Lm 250 lill-Kunsill.

Kien hemm qbil li qabel tittieħed deċiżjoni tiġi identifikata l-arja kollha fl-Isla li ser tiġi okkupata mill-consortium.

## 33 (5) Moll Tax-Xatt

*33.(5).3* Is-Sindku Joseph Casha qara statement dwar l-isforzi li qed isiru mill-Kunsill ma' rappreżentanti tal-Gvern Ċentrali biex jinbeda x-xogħol ta' tiswijiet fuq il-parti tal-moll li ċehdiet (Kopja mehmuża).

*33.(5).4* Sar qbil ukoll li tintbagħat ittra lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi flimkien ma' din l-istqarrija biex jiġi mfisser lilhom l-istat li fih jinsab dan il-moll biex jgħin ħalli x-xogħol fuqu jibda malajr.

*33.(5).5* Il-Kunsill kellu jistenna sa mhux aktar tard min nhar is-Sibt 16 t'April, 2004 biex jara jekk ikunx hemm risposta għat-talbiet tiegħu. Jekk fin-negattiv jagħmel press conference fil-Laqgħa Pubblika Annwali li se ssir nhar il-Ħadd 17 t'April, 2004.

## 33 (6) LES - Gwardjani Lokali

Il-Kunsill jinsab inkwetat bis-sitwazzjoni li qed tinħoloq f'din is-sistema tal-Gwardjani Lokali.

*33.(6).1* Minkejja li dan is-servizz ta' Gwardjani fil-Lokal kellu jsostni ruħu billi d-dħul miċ-ċitazzjonijiet jagħmel tajjeb għas-servizz offrut dan mhux qed isir.

*33.(6).2* Għalkemm fuq il-karta jidher li l-Kunsill għandu dħul sostanzjali miċ-ċitazzjonijiet maħruġa, dan qed jibqu ma' jitħallsux lill-unsill bil-konsegwenza li l-Kunsill qed jaqa' lura fil-ħlasijiet biex jonora l-obbligi u l-manteniment tas-sistema bil-konsegwenza li qed ikun hemm nuqqas ta' cash flow kbir.

*33.(6).3* Sar qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur u l-Uffiċjal Awtorizżat ħalli jiġi ndikat x'passi għandhom jittieħdu ħalli din il-problema ta' cash flow tiġi ndirizzata u l-piż ma' jaqax fuq il-Kunsill.

## 33 (7) Approvazzjoni "Newsletter"

Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta kopja ta' kif ġiet iddisinjata u mtella' din in-newsletter tal-Kunsill f'forma ta' flyer.

*33.(7).1* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi l-Kunsill approva dan il-fuljett.

*33.(7).2* Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet f'din id-deċiżjoni mhux għaliex kienet kontra l-fuljett iżda ma' qablietx li fih jiddaħħal insert ta' Draft Programm ta' Jum l-Isla. Fl-opinjoni tagħha draft programme qatt ma' kellhom jitqassmu qabel jiġi approvat minn qabel.

## 33 (8) Proġett Gateway - Taħriġ għall-Mexxejja Żgħażagħ

Is-Sindku ta tagħrif tal-proċess li qed isir f'dan il-proġett fejn taħt l-iskema tal- YOUTH Programme fejn mexxeja ta' diversi organiżazzjonijiet ġew mistiedna jiġu għal taħriġ f'Malta dwar tmexxija taż-żgħażagħ.

*33.(8).1* Daħlu madwar 54 applikazzjoni minn 20 pajjiż differenti.

*33.(8).2* Dan il-proġett qed jiġi kkalkolat li jiswa madwar 21, 000 EUR u se jkun ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropeja. L-applikazzjoni għal dan il-proġett diġa saret u l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tiegħu.

*33.(8).3* Il-Kunsill approva t-talba ta' Vanessa Sammut biex tieħu ħsieb tmexxi dan il-proġett flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

*33.(8).4* *Stedina għal Spanja*

Permezz tal-kuntatti li għamlet Vanessa Caruana, hija ġiet mistiedna biex tieħu sehem fi programm ta' Youth Leaders Course li ser isir fi Spanja bejn it-3 u l-11 ta' Ġunju, 2004. Hija rnexxila ġġib stedina biex persuna oħra takkumpanja.

*33.(8).5* Il-Kunsill qabel li jiftaħ sejħa għal żgħażugħ jew żgħażugħa mil-lokal. Din is-sejħa kellha tibqa miftuħa sal-31 t'April, 2004.

## 33 (9) Website tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm f'dawn l-aħħar xhur saru diversi attentati mad-Dipartiment ta' l-Informatika biex jagħti s-sussidju propost mill-Gvern Ċentrali, dan ma' ġiex approvat minħabba li din ma' laħqetx saret fiż-żmien mitlub. Kien hemm aktar Kunsilli li ma' bbenefikawx minn din l-iskema.

*33.(9).1* Il-Kunsill bi ħsiebu jistħarreġ il-possibilta' li jipproċedi biex din il-website issir anke jekk hemm bżonn li jiffinanzjaha hu. Id-deċiżjoni trid tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 33 (10) Assi tal-Kunsill

Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-inventarju ta' l-Assi tal-Kunsill għadhu mhux finalizzat kif kien ippjanat.

*33.(10).1* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minħabba pressjoni ta' xogħol li qed ikun hemm fl-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju u billi dan jitlob impenn kbir għad ma' kienx hemm ħin li dan jitkompla.

*33.(10).2* Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li ser jagħmel ħiltu biex dan ix-xogħol jitkompla u jiġi fi tmiemu.

*F'12.05pm il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 8 t'April, 2004 fit-8.30am.*

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar it-Tnejn 12 t'April, 2004 fid-9.00am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

Minħabba mpenji li kellhom diversi Kunsillieri u wara kuntatti li saru mis-Segretarju Eżekuttiv sar qbil li din il-laqgħa titkompla nhar it-Tnejn 12 t'April, 2004 fid-9.00am biex jiġu diskussi dawn l-items bħala riżultat tad-diskussjonijiet li saru bejn laqgħa u oħra (Kopja mehmuża).

**AĠENDA**

Konferma tal-Proġett Welcome Europe.
(4) Draft Programme - Jum l-Isla.
(6) LES - Gwardjani Lokali.
(12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti u Performance Bonus.

*Konferma tal-Proġett Welcome Europe*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm diversi kuntatti min-naħa tiegħu biex jiġu finalizzati l-kundizzjonijiet bejn il-consortium u l-Kunsill dwar dan il-proġett. Iżda ma' kienx hemm rispons.

Ir-Regatta Club talbu l-użu tal-Ponta u xtaqu jarmaw bil-bar taħt il-pondta kienu ser jagħmlu talba għal permess mill-Kunsill biex jagħmlu dan.

Min-naħa l-oħra kien hemm interess min nies mil-lokal li xtaqu jarmaw bil-Bar fit-triq ta' madwar il-ground dak inhar bejn it-30 t'April u l-1 ta' Mejju, 2004.

Il-Kunsill qabel li javviċina lill-consortium Welcome Europe biex jieħdu deċiżjoni dwar it-talba tagħhom.

## 33 (4) Jum l-Isla (Tkomplija)

Il-Kunsill reġa ddiskuta l-aħħar punt tal-programm ta' Jum l-Isla fejn filgħodu kellha ssir l-inawgurazzjoni tal-Librerija Pubblika u s-Servizz ta' l-Internet b'xejn filwaqt li filgħaxija ssir il-Quddiesa solenni u wara Lejla Maltija fi Ġnien il-Gardjola (Kopja tal-Programm mehmuż flimkien mal-lista ta' l-invitati).

*33.(4).6* Sa dak il-ħin il-Kunsill kien għad ma' kellux konferma għall-istedina tal-Kunsill biex il-Kumitat Festi Esterni tal-Parroċċa jieħu ħsieb il-catering kollu li bi ħsiebu jagħmel il-Kunsill f'Jum l-Isla. Dwar il-Banda Queen's Own is-Sindku qal li impossibbli li nilqgħu talba ta' Lm 200 biex jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.

*33.(4).7* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-programm ta' attivitajiet għal Jum l-Isla.

*33.(4).8* Il-Kunsillier Charmaine Gerada baqgħet ma' qablitx mal-programm kif ippreżentat u vvutat kontra għaliex ħasset li l-parteċipazzjoni tal-Brigata Laburista f'attivita' bħal din mhux posta minħabba li din hija għaqda li tirrapreżenta partit politiku.

*33.(4).9* Il-Kunsill approva li ssir tabella tal-injam bil-kliem mnaqqax (Ċentru tal-Komunita') filwaqt li jsiru żewġ lapidi ta' l-injam fuq ġewwa waħda fuq kull naħa biex jikkomemoraw il-ftuħ ta' dan il-fond (Disinn mehmuż).

Tabella minn barra li turi li dan il-fond infetaħ mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-oħra turi kif inhu magħmul il-Kunsill 2002 -2005 (disinn mehmuż).

*33.(4).10* Tabella oħra li turi l-ħinijiet ta' l-uffiċċju u Librerija Pubblika u Internet Cafe

*<u>Aġġornament</u>*

Billi kien sar il-ħin il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal aktar tard fil-ġimgħa.

Billi kienet qed tkun diffiċli li jinsab ħin wieħed li jakkomoda lil kullħadd għal-laqgħa tal-Kunsill sar qbil unanima li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru darba filgħodu u darba filgħaxija alternatament.

Għaldaqstant sar qbil li t-tkomplija tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 14 t'April, 2004 fil-5.00pm b'hekk tkun qed tiġi milqugħa t-talba tal-Kunsillier Charmaine Gerada.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar l-Erbgħa 14 t'April, 2004 fil-5.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(6) LES - Gwardjani Lokali.
(12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti u Performance Bonus.

Wara l-laqgħa li saret mal-kuntrattur u l-Uffiċjal Awtorizżat fejn kienu preżenti kważi l-Membri kollha tal-Kunsill kien jidher li l-aħjar pass ikun li jsir rapport dwar is-sitwazzjoni ta' kif qed isiru u fejn qed isiru l-ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet minn Kunsilli oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal Awtorizżat għandhom jiltaqu biex joħorġu rapport dwar il-ħlasijiet pendenti u min mhux qed jiddepożita fil-ħin.

Sar qbil ukoll li ssir laqgħa mas-Supretendent tad-distrett (Patrick Spiteri). Dan l-appuntament ġie ffissat għal nhar il-Ħamis fis-2.30pm fil-Kunsill.

## 33 (12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti u Performance Bonus

*33.(12).1* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 13, 407.92.(Kopja tal-lista ta' pagamenti mehmuża).

*33.(12).2* Il-Kunsill unanimament approva l-pagament ta' Performance Bonus lil Elizabeth Grech (6 %) u lis-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit (9 %) skond Schedule A ta' l-Avviż Legali 127 ta' l-1998 dwar ir-Regolamenti tar-Riżorsi Umani.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-6.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha Alphonse Zammit

Sindku Segretarju Eżekuttiv